

Brussell, 15 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8980/25  
ADD 1

ENV 342  
ENT 68  
COMPET 370  
IND 142  
SAN 221  
CONSOM 84  
MI 302  
CHIMIE 33  
DELECT 59

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2887 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../ ... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dechlorane plus

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2887 final - Annex.

---

Mehmuż: C(2025) 2887 final - Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.5.2025  
C(2025) 2887 final

ANNEX

ANNEX

tar-

**Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../ ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tad-dechlorane plus**

## ANNEX

Fil-Parti A tal-Anness I, tiżdied l-entrata li ġejja:

Sustanza	Nru CAS	Nru KE	Eżenzjoni speċifika fuq l-użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra
“Dechlorane plus” “Dechlorane plus” jinkludi s-sinisomeru u l-antiisomeru tiegħu	13560-89-9 135821-03-3 135821-74-8	236-948-9	<p>1. Għall-finijiet ta’ din l-entrata, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tad-dechlorane plus:</p> <p>(a) ekwivalenti għal 1000 mg/kg (0,1 % skont il-piż) jew inqas, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</p> <p>(b) ekwivalenti għal 1 mg/kg (0,0001 % skont il-piż) jew inqas, meta jkunu preżenti fis-sustanzi, fit-taħlitiet jew fl-oġġetti wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].</p> <p>2. L-introduzzjoni fis-suq u l-użu tad-dechlorane plus għandhom ikunu permessi b’deroga għall-finijiet li ġejjin:</p> <p>(a) l-applikazzjonijiet ajruspazjali, spazjali u tad-difiża, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament];</p> <p>(b) l-applikazzjonijiet tal-imaging mediku, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-</p>

		<p>dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];</p> <p>(c) l-apparati u l-installazzjonijiet tar-radjoterapija, sa [<i>Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament</i>];</p> <p>(d) l-ispare parts għal xi wieħed minn dawn li ġejjin u t-tiswija tagħhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art;</li> <li>(ii) il-magni industrijali stazzjonarji għall-użu fl-agrikoltura, fil-forestrija, u fil-kostruzzjoni;</li> <li>(iii) it-tagħmir motorizzat tal-baħar, tal-ġonna, tal-forestrija u għall-użu barra għajr dak kopert taħt (ii);</li> <li>(iv) l-applikazzjonijiet ajruspazjali, spazjali u tad-difiża;</li> <li>(v) l-istrumenti għall-analiżi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-monitoraġġ, għall-ittestjar, għall-produzzjoni u għall-ispezzjoni;</li> </ul> <p>fejn id-dechlorane plus kien inizjalment użat fil-produzzjoni tagħhom, sa tmiem il-ħajja operattiva tagħhom jew sal-31 ta' Diċembru 2043, skont liema jiġi l-ewwel.</p> <p>(e) l-ispare parts għal xi wieħed minn dawn li ġejjin u t-tiswija tagħhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) l-apparati mediċi u l-aċċessorji għal apparati mediċi fil-kamp ta'</li> </ul>
--	--	---

			<p>applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/745;</p> <p>(ii) l-apparati mediċi dijanjostiċi <i>in vitro</i> u l-aċċessorji għal apparati mediċi dijanjostiċi <i>in vitro</i> fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/746;</p> <p>fejn id-dechlorane plus kien inizjalment użat fil-produzzjoni tagħhom, sa tmiem il-ħajja operattiva tagħhom.</p> <p>3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa ta' estensjoni tal-eżenzjonijiet speċifiċi fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2028.</p> <p>4. L-oġġetti li jkun fihom id-dechlorane plus li diġà jkunu qed jintużaw fl-Unjoni qabel jew fid-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni rilevanti stabbilita fil-paragrafu 2(a) sa (d) jistgħu jibqgħu jintużaw.</p> <p>5. L-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' spare parts li jkun fihom id-dechlorane plus imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d)(iv), li jkunu preżenti fit-territorju tal-Unjoni qabel jew fil-31 ta' Diċembru 2043 għandhom ikunu permessi.</p>
--	--	--	--